12 ta' Ottubru 2019
112/2019

# IKTAR RESPONSABBILTÀ LIŻ-ŻGĦAŻAGĦ FIL-KNISJA

KONFERENZA MILL-MCYN GĦALL-YOUTH LEADERS

L-Isqof Awżiljarju Joseph Galea-Curmi qal li ż-żgħażagħ għandhom jingħataw iktar responsabbiltajiet fil-ħajja tal-Knisja. Dan qalu waqt li kien qed jindirzza l-konferenza annwali għall-youth leaders 'Plexus19', li ġiet organizzata mill-MCYN (Malta Catholic Youth Network) tal-Arċidjoċesi ta' Malta.

Waqt diskussjoni ma' madwar 240 parteċipant, li huma involuti fil-ħidma pastorali maż-żgħażagħ, l-Isqof Galea-Curmi qal li "ż-żgħażagħ m'għandhomx jirċievu biss fil-Knisja, imma għandu jkollhom sehem importanti. Din ir-responsabbiltà tgħinhom ħafna kemm biex iħossuhom parteċipi kif ukoll biex jitgħallmu jerfgħu din ir-responsabbiltà f'dan l-istadju ta' ħajjithom u eventwalment bħala adulti." Huwa appella sabiex iż-żgħażagħ jingħataw aktar responsabbiltajiet u li jiġu fdati, biex jiżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom fid-diversi realtajiet u ħidmiet tal-Knisja.

L-edizzjoni ta' Plexus din is-sena ffukat fuq it-tema *Pass leħor* (One More Step) u ttellgħet bejn l-4 u s-6 ta' Ottubru fiċ-ċentru parrokkjali l-ġdid ta' San Ġiljan. Il-parteċipanti ngħataw għadd ta' temi għad-diskussjoni filwaqt li ġew imħeġġa jieħdu inizjattivi ġodda meta jippjanaw il-ħidma pastorali maż-żgħażagħ. Dan filwaqt li jpoġġu l-Evanġelju fiċ-ċentru ta' ħidmiethom u tal-messaġġ li jwasslu. Kull parteċipant ingħata kopja ta' 'Christus Vivit' (Kristu Jgħix), l-aħħar eżortazzjoni appostolika tal-Papa Franġisku liż-żgħazagħ u lill-poplu ta' Alla.

Il-kelliema ewlenin għall-konferenza kienu Dr Nadia Delicata, delegat episkopali għall-Evanġelizzazzjoni u lettur fl-Università ta' Malta; Rev. Dr John Berry, dekan tal-Fakultà tat-Teoloġija; Dr Nicholas Briffa, psikologu; Fr Reuben Gauci, delegat għall-iżvilupp spiritwali fl-iskejjel; u Fr Martin Cilia MSSP, direttur tal-oratorju tal-MSSP f'Birkirkara.

Saru wkoll għadd ta' workshops mill-NGO 'STEPS', fejn il-parteċipanti ngħataw ħiliet tekniċi u soċjali (soft skills) dwar kif imexxu grupp ta' żgħażagħ b'mod effettiv. Il-konferenza ntemmet b'quddesa fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan, flimkien mal-komunità Ġiljaniża. Din il-Quddiesa ġiet iċċelebrata mill-Isqof Galea-Curmi.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**